# SERQA SAGRILEĠA F'BORMLA

*Minn Joe Balzan*



**Kien fl-1837 li f'Bormla saret serqa sagrilega li għadha tissemma' sal-lum. Kienet għadha kif għaddiet il-marda kerha tal-kolera meta kellu jsir talb ta' ringrazzjament 'l Alla, meta sar dan id-delitt ikrah li baqa' msemmi fl-istorja.**

Kien il-Ġimgħa 19 ta' Ottubru 1837 meta għal xi s-sitta ta' filgħodu Patri Teodosju ħareġ biex iqarben xi nies mal-Fra Natal fil-Knisja ta' Santa Tereża f'Bormla. Meta ġie biex jiftaħ it-tabernaklu lemaħ tkissir fl-irħam ta' l-artal u tkissir ieħor li mill-ewwel induna li ġie misruq il-pissidi bl-ostji Konsagrati.

Ġie nfurmat il-pirjol tal-kunvent, Patri Raymond, li wara li ra dak li ġara mar jirrapporta kollox lill-Mons. Arcisqof. Dan bagħat lill-Vigarju Dun Salv. Lanzon biex ifittex jinvestiga huwa. Il-vigarju flimkien mal-kurat ta' Bormla, Dun Guiseppe Schembri, wara tfittxija mal-Knisja kollha sabu fl-aħħar kappella moħbijin taħt tarġa ta' l-artal ta' Sant Anna, żewġ imsiemer u biċċa ram minn tat-tabernaklu.

Hawn ġie ordnat li l-Knisja tinbidel f'sinjal ta' luttu. L-artal maġġur minfejn twettqet is-serqa kellu jiġu mgħotti, il-kwadri titulari wkoll. Ġew ikkonsagrati ostji ġodda u s-sagrament tqiegħed fl-artal ta' San Ġwann tas-Salib. F'din il-Knisja u fil-Knejjes parrokkjali beda biex isir talb ta' riparazzjoni. Tajjeb li wieħed jgħid li serqa oħra bħal din kienet ġrat fil-Gudja fil-Knisja ta' Bir Miftuħ fl-1663.

Is-Sibt, raġel ta' 79 sena ħareġ ifittex biex jara jsibx xi ħaġa fl-akwati tal-Knisja ta' Santa Tereża minn fejn saret is-serqa. Dan kien jismu Saverju Mercieca, Bormliż li kellu żewġ ħutu saċerdoti. Huwa ltaqa' ma' tifel ta' ħdax-il sena, Franġisk Cachia. Dan qal lix-xiħ li meta kien għaddej minn taħt il-pont fil-foss (li jiġi taħt il-bieb li jagħti għall-Birgu) "rajt xi ħaġa li ma nafx kif tidher". Ix-xiħ qallu biex jurih fejn u meta t-tifel urih dak ixxabbat mas-sur u ġo toqba li kienet ftit fil-għoli kien hemm dan l-imbierek pissidi li kien imkebbeb fiċ-ċraret.

Ġew infurmati l-patrijiet. Naturalment l-ewwel wieħed kien ħu dan ix-xiħ, Patri Teodosju, l-istess wieħed li nduna bis-serqa. Huwa mar niżel minn din it-toqba u eżaminaha. Indunaw li min serqu wettaq is-serqa għall-valur għax xejn ma kien nieqes minn dan il-pissidi ħlief is-salib ta' l-għatu.




Il-post magħruf bħala ta' fejn sabu s-Sinjur kif inhu fil-preżent li jinsab fid-daħla tal-Birgu. Couvre Porte fejn hemm il-Kunsill Lokali



Il-Knisja ta' Santa Tereża f'Bormla minn fejn saret is-serqa

Inġieb artal żgħir u xi xemgħa mill-Knisja tas-sorijiet (Konservatorju) f'Bormla u tpoġġa hemm. Il-qniepen tal-Kottonera bdew idoqqu flimkien ma' dawk tal-Belt biex iħabbru s-sejba tas-sagrament. Bdew jinġabru n-nies tant li sakemm wasal il-vigarju biex ikun jista' jitrasporta s-sagrament kellhom jiġu l-pulizija ibex jikkontrollaw il-folla.

Saret mixgħela ġenerali ġewwa Bormla u t-triq li tagħti għal Santa Tereża ġiet armata għall-okkażjoni u wara saru f'kull Parroċċa ta' Malta tlett ijiem talb ta' ringrazzjament.

Tajjeb li wieħed jgħid li l-post fejn ġie misjub il-pissidi għadu magħruf sal-lum bħala "Fejn sabu s-sinjur". It-tabernaklu mkisser u anke l-pissidi li kien wieħed sabiħ għadhom jeżistu fil-Kunvent ta' Santa Tereża.

Barra minnhekk taħt il-pont kienet twaħħlet irħama mill-patrijiet ta' l-istess knisja biex tfakkar din il-ġrajja. Twaqqfu żewġ fundazzjonijiet waħda f'Santa Tereża għal tul ta' mitt sena biex tibqa' tiġi mfakkra din il-ġrajja u oħra f'San Pawl tal-Belt imma din perpetwa, tant li għadha ssir sa llum fil-Knisja ta' Santa Tereża f'Bormla.

Biex inkomplu fejn ħallejna nsibu li ċertu Pawlu Galea magħruf bil-laqam ta' Bagollu ta' 67 sena mill-Mosta li kien jgħix fil-Birgu, ġie mixli li fit-18 ta' Ottubru daħal fil-Knisja ta' Santa Tereża u seraq il-pissidi b'ostji kkonsagrati. Kienu nstemgħu 42 xhud li wħud minnhom qalu li rawh f'dawk l-inħawi.

L-għada tas-serqa, Galea kien mar il-Belt għand wieħed tal-ħanut u wrieh salib fejn qallu li jixtieq jirahnu. Dak tal-ħanut mar bis-salib għand il-Konslu tal-Fidda biex jara x'valur kellu. Meta ġie lura u ftehmu li jmorru flimkien għand il-konslu, Galea tħallat mal-folla u ntilef. Dan l-aġir ħasseb lil tal-ħanut Grezzju Zammit u wara għarfu li s-salib kien parti mill-pissidi misruqa minn Bormla.

Galea ġie mfittex u misjub fil-Knisja ta' Santa Skolastika fil-Birgu waqt funzjoni ta' professjoni ta' soru. Ġie arrestat u għadda ġuri u sabuh ħati tas-serq tal-pissidi minħabba l-valur tiegħu mhux bi skop ieħor u ġie rrakkomandat għall-ħniena tal-Qorti.

B'danakollu ġie kkundannat il-ħabs għal għomru bil-balla tal-ħadid marbuta bil-katina ma' saqajh. Jingħad ukoll li dan Pawlu Galea, wara li kien qiegħed iwettaq is-sentenza tiegħu fiċ-ċella kellu priġunier ieħor miegħu. Darba minnhom dan il-priġunier, meta qam fil-għodu, għal xi raġuni, ħareġ it-tavla minn taħt il-mitraħ, ta daqqa biha lil Pawlu Galea u qatlu.

**Referenzi:**

**MGG 1837**
**Ġużè Galea: F'ġieħ il-ħaqq.**
**Leħen is-Sewwa, Ottubru 1937**